MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 23/2025-9**

**Il-Ħamis, 20 ta' Novembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

### 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Kunsillier Mario Portelli kien ser jasal ftit tard minħabba impenji oħra.

### 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 22/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

23.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 22/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku beda billi rringrazzja lil għaqdiet, lis-Segretarju Eżekuttiv u lil partner tagħha kif ukoll lil ħaddiema tal-Kunsill għal għajnuna tagħhom fl-attivita' li ġiet imtella' fil-Halloween u li għal darb'oħra kienet suċċess.

23.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex jiżdiedu bankijiet fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer u fi Triq Oniċi.

23.3.3 Is-Sindku informa lil membri li ir-Reġjun Għawdex ser ikun qed jerġa jagħti ikla lil anzjani li jgħixu weħidhom fil-Milied. Il-Kunsill għandu joħroġ avviżi għal min hu nteressat.

23.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li l-ħaddiema li kienet qed tieħu ħsieb is-Sub Post Office ma tistax tibqa' tagħti s-servizz tagħha minħabba raġunijiet li m'għandhiex kontroll fuqhom. Kompla jgħid li sab persuna oħra li hi nteressata li tieħu ħsieb is-Sub Post Office.

Il-Kunsillier Mario Portelli wara li skuża ruħu li ttardja nqagħad mal-kamra fil-4.10 ta' wara nofs in-nhar.

23.3.5 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex lil Arċipriet uxxenti jingħatalu rigal ta' rikonoxximent għal ħidma tiegħu li wettaq f'dawn l-aħħar seba' snin filwaqt li lil Arċipriet il-ġdid jingħatulu wkoll rigal ta' merħba.

23.3.6 Is-Sindku rringrazzja lil Għaqdiet għas-sehem li taw sabiex tiġi organizzata l-Festa ta' San Fortunatu.

23.3.7 Is-Sindku nforma lil membri illi l-Kuntrattur li ħa l-offerta ta' kisi tal-Cul de Sac ta' Triq il-Ponta baqa' ma bgħat l-ebda risposta lil Kunsill meta ser jibda' t-triq. Għaldaqstant il-Kunsill kellu jwaqqa' l-offerta. Il-membri qablu li titqaxxar u tingħata kisja proviżorja bil-konkos. Is-Sindku nforma lil membri li ix-xogħol ta' bdil ta' mains ta' l-ilma ġew mibdula grazzi għal WSC u rringrazzja publikament lis-Sur Terry Caruana.

23.3.8 Rigward il-Batterija tal-Qbajjar, is-Sindku informa lil membri li fuq il-medja ħarġet li l-Gvern ser jiftaħ sejħa pubblika sabiex din il-Batterija tingħata lil privat. Kompla jgħid li l-Kunsill ilu jitħabat sabiex din il-Batterija taqa' taħt il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa sabiex tkun tista' titgawda mill-Pubbliku. Propona sabiex il-Kunsill javviċina lil Avukat Chris Said biex jikteb lil Awtoritajiet konċernati. Il-Kunsilliera Marlene Cini u Nicky Saliba qalu li l-Kunsill għandu jivverifika qabel xejn jekk hux minnu dik l-aħbar li dehret fil-medja. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mario Portelli qablu mas-Sindku li għandha tintbgħat ittra mill-Avukat lil Awtoritajiet.

23.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li l-Latrina tal-Qbajjar Promenade tinsab fl-aħħar fażi tagħha u tinsab kważi lesta. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li jinbeda' x-xogħol fil-latrina l-oħra.

23.3.10 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex fis-16 ta' Diċembru 2025 issir l-ikla tal-Milied għal Kunsilliera u ħaddiema tal-Kunsill.

## 23.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

23.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

23.4.1.1 Il-Viċi Sindku iddikjara pubblikament li jikkundanna l-kumment ta' persuna kontra s-Sindku fuq il-Facebook Page tal-Kunsill rigward il-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza l-Assunta. Żied jgħid li parkeġġ wieħed biss ser jonqos mill-Pjazza. Fakkar sabiex waqt it-twettiq tal-proġett wieħed joqgħod attent fejn jitpoġġew l-arbli tal-Festa.

23.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

23.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li għandhom jinżabru s-siġar ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn.

23.4.2.2 Ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn isir patching fi Triq is-Sagħtrija, l-isfel mill-Playing Field tal-Virtut. Il-membri qablu.

23.4.2.3 Talbet sabiex jiżdiedu l-floodlights neċessarji jekk ser tkun qed issir xi purċissjoni f'dawn il-festi li ġejjin. Il-membri qablu.

23.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

23.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli talab sabiex isir il-patching neċessarju fin-niżla tal-Bajja tax-Xwejni fejn il-gabbana. Il-membri qablu.

23.4.3.2 Talab sabiex jinbena' ħajt tal-briks mad-dawra fejn is-salini peress li hu biss għadu tal-ġebel u qed jittikel bil-melħ. Il-Kunsillier Nicky Saliba informa lil preżenti illi meta kien Sindku hu ma kinx tħalla li jmiss dak il-ħajt. Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat jekk dan jistax jintmess.

23.4.3.3 Talab sabiex jitranġaw tabella u railing fejn il-Plajja f'Marsalforn. Il-membri qablu.

23.4.4 *Kommunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

23.4.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba informa lil membri li ġie avviċinat minn residenti sabiex tinżebaħ 'Give Way' fi Triq Għajn Mhelhel fejn toqod A. Portelli għal min hu tiela. Il-membri qablu ma din il-proposta u qablu wkoll li tinżebaħ waħda aktar l-isfel.

23.4.4.2 Talab u l-membri qablu sabiex titneħħa *reflector* li hemm f'nofs it-telgħa ta' Għajn Mhelhel.

23.4.4.3 Propona u l-membri qablu li jinxtraw pjanċi tal-10 pulzieri għal prezz ta' €100-il waħda sabiex jservu bħala qiegħ għat-truck tal-Kunsill.

23.4.4.4 Rigward id-deċiżjoni li l-Kunsill ħa fil-laqgħa preċedenti sabiex tinqata' l-kera ta' fuq fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill, iddikjara li hu ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni.

## 23.5 Approvazzjoni Q2 u Q3 Rapport ta' kull kwart tas-sena

L-Accountant tal-Kunsill ingħaqad mal-kamra fejn ta spjegazzjoni rigward dawn iż-żewġ rapporti. Informa lil membri li l-Kunsill qiegħed fid-direzzjoni t-tajba sabiex tissolva l-problema ta' dejn. Qal li skond ir-rapporti sa l-aħħar ta' Settembru 2025 il-Kunsill kellu dejn ta' €83,000. Il-membri approvaw ir-rapporti u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.6 Ħatra ta' *Finance Committee* fi ħdan il-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat email mibgħuta mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini rigward id-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex hi tkun parti mill-Finance Committe. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini infurmat lil Kunsill li minħabba trasparenza ma taqbilx li hi tkun parti minn dan il-Kumitat. Is-Sindku nfurmha li ħass li għandha tkun parti minn dan il-Kumitat sabiex ikun hemm membri miż-żewġ naħħat tal-kamra. Dott. Cini qalet li ma tagħmilx sens li dan il-Kumitat ikun kompost mill-istess membri tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini proponiet u l-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lid-DLG li jekk dan il-Kumitat ikun magħmul mill-membri tal-Kunsill stess ikun hemm konflitt ta' nteress. Il-Viċi Sindku ddikjara li hu jħoss li min ikun f'dan il-Kumitat għandu jitħallas bħal ma jitħallas l-Accountant. Il-membri qablu mal-punti tal-Kunsilliera Dott. Marlene Cini u ddikjaraw li mhux lesti li jħallsu membri għal dan il-Kumitat minħabba l-problema li l-Kunsill għandu ta' finanzi.

## 23.7 Materji Oħra

23.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mibgħuta mid-DLG – Cirkulari 06/2025 – Allokazzjoni Finanzjarja għall-2026. Infurmat lil membri li l-allokazzjoni tal-Kunsill ser tkun €587,635 li tirrifletti ż-żieda fl-ispejjes amministrattivi. Il-membri nnotaw il-kontenut.

23.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Avukat tal-Kunsill Mario Scerri bgħat risposta lil Av. Daniel Calleja rigward iz-zokk ta' siġra li waqa' lura f'Awwissu 2025 fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-Kunsill ġibed diversi drabi l-attenzjoni fuq il-Gozo LC Works għaż-żbir ta' dawn is-siġar.

23.7.3 Ġiet preżentata korrispondenza mibgħuta minn Circular Economy Malta fejn talbu li jsir proġett pilota ta' Smart Waste Depot f'Marsalforn sabiex ir-ristoranti jagħmlu użu minnhom b'xejn li jkunu jistgħu jiddisponu minn skart organiku u riċiklat. Ser jkunu qed jiġu nstallati wkoll CCTV fejn dawn id-Depots għal aktar sorveljanza. Is-Sindku qal però il-Kunsill għandu jirriserva d-dritt illi jekk ikun hemm riħa tinten u tgergir minn nies dawn għandhom jitneħħew immedjatament. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li għandhom ikunu fejn il-Ġnien tat-Tlett Għoljiet waqt li l-Viċi Sindku propona li jkunu fil-parkeġġ in-naħħa ta' ġewwa fejn hemm id-dgħajes. Is-Sindku qal li hu tal-fehma li jitpoġġew fejn il-kamra tal-WSC. Il-membri qablu li din id-deċiżjoni għandha tittieħed wara li jiġu mitkellma mas-Circular Economy Malta.

23.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li tal-ġbir ta' l-iskart domestiku qed isib problema sabiex jgħaddi minn Triq il-Ponta

minħabba li l-karozzi jkunu pparkjati fuq iż-żewġ naħħat. Il-kuntrattur talab lil Kunsill sabiex jinstalla tabelli li jindikaw li m'għandhux isir parkeġġ bejn is-7.15 u t-7.45 ta' filgħodu bejn it-Tnejn u s-Sibt. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara konflitt ta' nteress u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni. Il-Viċi Sindku ma qabilx mal-proposta tal-Kuntrattu u għalhekk propona li l-Kuntrattur għandu jitla' bl-ischammel iż-żgħir u ninfurmaw ukoll lis-CPT b'dan sabiex ikunu jistgħu jinfurmaw lir-residenti sabiex ma jipparkjawx f'dawk il-ħinijiet.

23.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-MGP fejn ser ikunu qed jiksu 18,000 metru kwadru ta' tarmac fil-lokalita' fis-sentejn li ġejjin. Dawn huma Triq il-Qbajjar, Triq il-Knisja, parti minn Triq Għajn Mhelhel fejn id-djar residenzjali, Triq Manwel Magro u parti minn Triq il-Kaċċaturi.

23.7.6 Korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija Żebbuġ sabiex il-Kunsill jgħin fil-loġistika u l-organizzazzjoni tal-Kunċert 'O' Ġesu' Bambin' nhar it-23 ta' Diċembru 2025 li ser jkun qed isir fil-Knisja. Il-membri qablu li l-Kunsill jgħin bħas-sena preċedenti.

Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.30 ta' filgħaxija waqt li reġgħet bdiet fil-5.35 ta' filgħaxija.

23.7.7 Talba mingħand J Cini sabiex issir talba ma' l-Awtoritajiet konċernati biex jitwaħħal vit fil-viċinanzi taċ-Ċimiterju sabiex ikunu jistgħu jimlew l-ilma l-bdiewa. Dan informa lil Kunsill li l-aktar wieħed qrib jinsab Santa Luċija. Il-membri qablu li ssir talba għal New Water u jsir djalogu ma' Terry Caruana.

23.7.8 Korrispondenza mingħand il-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq fejn infurmaw lil Kunsill illi Triq Fra Baskal ma tistax tinbidel għal Triq Fra Baskal Farrugia però jiżdied biss taħt ismu 'AJK Kapuċċin'.

23.7.9 Aktar korrispondenza mingħand il-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq għal aktar tismija ta' toroq fil-lokalita'. Il-membri qablu li parti minn Triq iċ-Ċnus tissemma' għal Ġużepp Cini li kien miet bin-nar, it-triq ta' wara l-Knisja tissemma' għal Leli Cini li kien waqa' mill-Knisja waqt xi xogħol li kien qed jagħmel, parti minn Triq Madonna taċ-Ċiċċri tissemma għal Mario Saliba li kien miet waqt li kien qed jagħmel xogħol fiċ-Ċentru Parrokkjali, il-Cul de Sac ta' Triq il-Ponta tissema għal Salvu Cefai li ta l-Oniċi li hemm fil-Knisja waqt li fejn hemm Ħal Sagħtrija tissemma għal Godwin Cini li wkoll kien miet bin-nar.

23.7.10 Korrispondenza oħra mingħand il-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq fejn talbu sabiex il-East End Playing Field fil-Qbajjar Promenade jingħata isem Malti. Is-Sindku propona sabiex dan jissemma għal Anton Tabone peress li kien hu li wettaq il-Qbajjar Promenade. Il-Viċi Sindku propona

li l-West End Playing Field għandu jissemma' għal Norbert Dimech però qabel nikkonsultaw mal-familjari tiegħu. Il-membri qablu ma dawn iż-żewġ proposti.

23.7.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li fl-10 ta' Diċembru hi mistenniha titla' tixhed minħabba l-West End Playing Field fil-Qbajjar Promenade kontra Projekte Global. Il-Perit tal-Kunsill qed iħejji rapport bin-nuqqasijiet minn naħħa tal-Kuntrattur sabiex jiġi preżentat il-Qorti.

23.7.12 Is-Sindku nforma lil membri li ħarġet skema tal-LESA, proġetti fil-Kommunita' 2025-2026 fejn il-Kunsill jista' japplika. Propona u l-membri qablu li l-Kunsill japplika għat-tisbiħ fid-daħla tal-Pjazza sabiex dan jingħaqad mal-proġett ta' Pjazza l-Assunta. Il-Perit għandu jħejji l-BOQ u l-pjanti neċessarji.

23.7.13 Talba mill-Perit tal-Kunvent tal-MSSP sabiex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex titwessa' l-bankina fi Triq Fra Baskal għal aċċessibilita' għal persuni b'diżabilita'. Il-membri qablu.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 17/2025 għall-perjodu ta' Novembru 2025 li tammonta għal €137,375.59 ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 23.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.05 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru 2025 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv